MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 117/2006/1

**Martin Xerri**
***v.***
**Joseph Rapa u Carmel Rapa**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, Għawdex, Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-10 ta’ Awissu 2009 f’kawża li fiha l-attur talab il-kundanna taż-żewġ konvenuti għall-ħlas tad-danni li huwa ġarrab bi ħtija tagħhom. L-ewwel qorti laqgħet it-talbiet safejn magħmula kontra l-konvenut Joseph Rapa u ikkundannatu jħallas danni li ġew likwidati fis-somma ta’ erbgħin elf, seba’ mija u erbgħa u erbgħin euro (€40,744) iżda ċaħdithom safejn magħmula kontra l-konvenut Carmel Rapa għax sabet li dan ma kienx

responsabbli *in solidum* mal-konvenut l-ieħor Joseph Rapa għad-danni li ġarrab l-attur. L-attur qiegħed issa jappella minn dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet it-talbiet tiegħu safejn magħmula kontra l-konvenut Carmel Rapa u qiegħed jappella wkoll mil-likwidazzjoni tad-danni.

2. L-attur fisser illi fil-lejl bejn il-Ħadd 27 u t-Tnejn 28 ta' Awissu 2006, għall-ħabta tas-1.45 *a.m.* f'Għajnsielem, Għawdex, hu ra lill-konvenut Joseph Rapa jaggredixxi lil martu Marija u fittex li jferraqhom. F'ħin minnhom Joseph Rapa tefa' lil martu mal-art u waqt illi l-attur kien qiegħed jerfagħha aggredewh iż-żewġ konvenuti. Joseph Rapa tah daqqa bi *brick* fuq għajnu l-leminija u fl-istess ħin, hekk kif waqa' mal-art, Carmelo Rapa tah daqqa ta' siġġu fuq wara ta' rasu. L-attur intilef minn sensih u ttieħed l-isptar.

3. B'konsegwenza tal-ġrieħi li ġarrab, l-attur tilef id-dawl f'għajnu l-leminija u kellhom isirulu ħames punti f'rasu. Għadu sallum ibati minn uġigħat ta' ras, jistordi ta' spiss u ma jiflaħx id-dawl tax-xemx. Billi igħid illi għal din id-debilità permananti fil-persuna tiegħu jaħtu l-konvenuti, u għalxejn sejjaħ lill-konvenuti biex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, l-attur fetaħ il-kawża u talab illi l-qorti, wara li tgħid illi l-konvenuti weħedhom iwieġbu *in solidum* għad-danni li ġarrab u tillikwida d-danni, tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu d-danni hekk likwidati.

4. Il-konvenut Carmelo Rapa wieġeb, effettivament, (i) illi ma hemmx rabta ta' kawżalità bejn il-fatti attribwiti lilu u d-danni li ġarrab l-attur u (ii) illi f'kull każ kien l-attur li jaħti għad-danni għax kien hu illi ipprovoka l-inċident. Il-konvenut l-ieħor Joseph Rapa ukoll ressaq eċċezzjonijiet li, iżda, ma humiex relevanti għall-għanijiet ta' dan l-appell.

5. Bis-sentenza appellata l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

«1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Carmelo Rapa u tiċħad it-talbiet tal-attur in kwantu dawn jirreferu għal dan il-konvenut. Spejjeż ta' dan il-konvenut a karigu tal-attur.

«2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Rapa u :–

«a. Tiddikjarah responsabbli għall-ħsara li sofra l-attur fl-inċident li seħħ fis-27 ta' Awwissu 2006 ġewwa Għajnsielem, Għawdex;

«b. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' erbgħin elf seba' mija u erbgħa u erbgħin euro (€40,744);
«ċ. Tikkundanna lill-konvenut Joseph Rapa sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' erbgħin elf seba' mija u erbgħa u erbgħin euro (€40,744).
«Spejjeż a karigu tal-konvenut Joseph Rapa, b'dan li l-ispejjeż tal-espert mediku Norbert Vella għandu jagħmel tajjeb għalihom l-attur. Bl-imgħax mil-lum »
6. Il-konsiderazzjonijet li wasslu lill-ewwel qorti għal din il-konklużjoni ġew minnha mfissra hekk:
«Il-kawża tittratta inċident li seħħ fit-28 ta' Awwissu 2006 għal ħabta tas-1.45 ta' filgħodu. Fis-27 ta' Awissu 2006 kienet qiegħda tiġi ċelebrata l-festa tar-raħal ta' Għajnsielem. Inqala' ġlied u l-attur ġie midrub. L-attur jallega li Joseph Rapa tah daqqa f'għajnejh bi briksa filwaqt li l-konvenut l-ieħor tah daqqa ta' siġġu tal-ħadid fuq rasu. Min-naħa tal-konvenut Carmelo Rapa jsostni li kien l-attur li pprovoka l-inċident, filwaqt li l-konvenut Joseph Rapa jsostni li kien l-attur li aggredieh u kull ma għamel kien li ddefenda ruħu (*legittima difesa*).
… … …
«Għal dak li jikkonċerna Carmelo Rapa, il-qorti m'għandha l-ebda diffikultà, wara li semgħetu jixhed *viva voce* fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2008, li tgħid li fil-konfront tiegħu żgur li ma kien hemm l-ebda provokazzjoni min-naħa tal-attur. Carmelo Rapa kkonferma li mar minn wara l-attur u tah daqqa ta' siġġu tal-hadid. Qal li għamel hekk "… għaliex ma ridtx nieħu riskju illi Martin Xerri nipprova mmur inferqu minn ma' Rapa biex ma jkomplix itieh u jfajjarli xi daqqa ta' ponn f'wiċċi. Jiena xejjirtlu s-siġġu għaliex f'dawk iċ-ċirkostanzi hekk deherli li għandi nagħmel biex forsi Xerri ma jibqax iross bis-siġġu lil Joseph Rapa li kien mixħut mal-art. Nikkonferma li kien hemm diversi rġiel preżenti." (*fol*. 209).
«… … …
«Joseph Rapa rrilaxxa stqarrija lill-pulizija (*fol*. 82), u mkien ma ta l-verżjoni mogħtija minn Carmelo Rapa. Dan minkejja li fin-nota ta' sottomissjonijiet Joseph Rapa pprova, tliet snin wara l-inċident, jaddotta l-verżjoni ta' Carmel Rapa li kien mitfugħ fl-art u l-attur kien qiegħed iross siġġu fuqu. Joseph Rapa fl-ebda stadju tal-proċediment ma kkontesta dak li qal fl-istqarrija tat-28 ta'

Awwissu 2006. L-istess Carmelo Rapa ma ressaq l-ebda xhieda sabiex jikkoraboraw il-verżjoni tiegħu ta' x'kien qiegħed jiġri fil-ħin li qabad is-siġġu u ta daqqa lill-attur. Dan minkejja li qal li kien hemm "diversi rġiel" li raw din ix-xena. *Inoltre*, dawk li xehdu ma qalux li fil-ħin li Carmel Rapa ta d-daqqa ta' siġġu, l-attur kien b'siġġu qiegħed iross mal-art lil Joseph Rapa. Irrispettivament dwar min kien responsabbli għall-inċident bejn l-attur u l-konvenut l-ieħor, Carmelo Rapa daħal fl-inkwiet bla bżonn. Ma kellu qatt ifajjar daqqa ta' siġġu. Hu stramb ukoll kif Carmelo Rapa qal li kif ta daqqa ta' siġġu lill-attur telaq u mar lejn id-dar. Għall-qorti dan l-atteġġjament ma jirriflettix ir-rieda ta' persuna li tgħin lil ħaddiehor li jkun jinsab f'diffikultà minħabba aggressjoni. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-oħra li minn xhieda oħra rriżulta li Carmel Rapa ta d-daqqa ta' siġġu mumenti wara li Joseph Rapa kien ta daqqa ta' briksa f'wiċċ l-attur (ara per eżempju deposizzjoni ta' Brian Muscat), *cioè* meta l-attur kien diġà dgħajjef.

«Il-qorti hi moralment konvinta li l-verżjoni li ta Carmelo Rapa (seduta tat-8 ta' Frar 2008) mhi xejn għajr tentattiv fjakk sabiex jipprova jiġġustifika l-aġir tiegħu u ma jidhirx li tikkorrispondi għall-verità. Ovvjament il-kwistjoni dwar jekk hemmx kawżalità bejn l-aġir ta' Carmelo Rapa u d-danni li sofra l-attur, hi materja differenti. Dan qiegħed jingħad in kwantu mill-provi rriżulta li t-telf fil-vista tal-għajn il-leminija ma kienx b'riżultat tad-daqqa ta' siġġu li tah Carmelo Rapa. L-attur kellu jagħti prova mhux biss tal-att (f'dan il-każ id-daqqa ta' siġġu) iżda li dak l-att għandu konnessjoni ta' kawża u effett mad-danni li sofra. Il-qorti m'hijiex sodisfatta li d-debilità permanenti li qiegħed ibati minnha l-attur hi riżultat tad-daqqa ta' siġġu li qala' mingħand Carmelo Rapa, iktar u iktar meta skond ir-rapport tal-perit mediku Norbert Vella "There is no evidence of any significant neurological *sequelæ*. In conclusion, Mr Xerri has no permanent neurological impairment resulting from the August 28, 2006 incident" (*fol*. 197), u l-ugigħ ta' ras "... is probably related to stress, poor sleep and inappropriate posture". Mid-deposizzjoni ta' Mr Thomas Fenech (seduta tat-3 ta' Settembru 2007), il-qorti temmen li fuq bażi ta' probabiltà kienet id-daqqa ta' briksa li l-attur qala' f'wiċċu li waslet biex jitlef il-vista

f'għajnejh il-leminija: "Ngħid illi din kienet bil-fors daqqa direttament fuq l-għajn u *cioè bullseye* fis-sens illi d-daqqa bilfors li kellha tkun direttament fuq l-għajn u mhux mal-għadam" (*fol*. 146). M'hemmx indikazzjoni li setgħet saret b'xi ħaġa oħra. Għalkemm Mr Thomas Fenech ma eskludiex li l-ferita fl-għajn setgħet kienet daqqa minn wara, m'hemm l-ebda indizju li ġara hekk. L-attur stess spjega kif qala' daqqa ta' briksa f'għajnejh tal-lemin (*fol*. 59). *Inoltre*, il-qorti ma tarax kif mill-provi li tressqu quddiemha tista', fuq bażi ta' probabilità, tgħid li l-ferita saret wara li l-attur waqa' u bil-piż tiegħu laqat għajnejh ma' "... tarf ta' mejda jew anke ma' xi siġġu jew xi ħaġa fl-art" (*fol*. 145). Għalkemm fir-rigward tal-mistoqsija jekk il-ferita setatx saret bi briksa, Mr Fenech wieġeb li "huwa possibbli, però dejjem jekk din kienet bil-kantuniera jew rokna tagħha" (*fol*. 146), il-qorti hi xorta tal-fehma li mill-provi li tressqu u fuq bażi ta' probabilità din kienet l-oġġett li bih saret il-ferita f'għajnejn l-attur. M'hemmx indizju li seta' kien xi ħaġa oħra. *Inoltre* miċ-ċertifikat mediku datat 28 ta' Awwissu 2006 jirriżulta li meta l-attur iddaħħal l-isptar, "He was fully conscious" (*fol*. 85). Għalkemm jingħad li kellu "haemataoma parietal region" (fir-ras), ma jirriżultax li kien hemm xi kumplikazzjoni. Fiċ-ċirkostanzi, fil-fehma tal-qorti ma tressqux provi sodisfaċenti li fuq bażi ta' probabilità n-*novus actus interveniens*, *cioè* daqqa b'siġġu li ta Carmel Rapa, ikkaġunat il-ħsara jew ikkontribwiet għaliha.

«… … …

«F'dan l-inċident l-attur tilef il-vista ta' għajnejh il-leminija. L-esperti mediċi waslu għal konklużjoni li l-attur qiegħed isofri minn debilità ta' 28%. Dan wara li l-espert Mr Franco Mercieca iffissa rata' ta' 17% għat-telf tal-għajn, u Dr David Cassar rata ta' 13% għall-ansjetà u stat ta' depressjoni kaġunati bl-inċident. Dr Cassar spjega, in eskussjoni, li l-attur "għadu fl-istat li kien meta jien għamilt l-evalwazzjoni professjonali tiegħi. Dan minkejja illi kien ukoll ħa u kien għadu jieħu l-kura. Għaldaqshekk huwa mistenni illi l-kundizzjoni psikjatrika tiegħu tibqa' kronika u bi bżonn ta' kura fit-tul". … … …

«… … … Jidher li llum il-ħsara personali li ġarrab il-konvenut [*recte*, l-attur] ma ħallietx effett fuq il-qligħ attwali tal-attur, tant li reġa' beda jaħdem fl-istess impjieg. Mill-

provi rriżulta li fis-sajf tal-2008 l-attur reġa' beda jaħdem bħala *foreman* mal-kumpannija *Asphaltar Limited*, *cioè* l-istess kumpannija li kien impjegat magħha fiż-żmien tal-inċident: "Nikkonferma ukoll illi x-xogħol tiegħi mal-*Asphaltar Limited* isir fuq barra bħala xogħol ta' *foreman*. Jiena għalhekk ngħid lill-impjegati x'ikun hemm bżonn illi jsir u ma jsirx fuq il-lant tax-xogħol. Nikkonferma illi jiena ta' kuljum, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, naqbad il-vapur minn Għawdex biex ninżel ix-xogħol Malta" (*fol*. 219).

«Però b'daqshekk ma jfissirx li l-menomazzjoni li sofra l-attur ma jistax ikollha impatt negattiv sabiex fil-futur isib xogħol ieħor. M'hemmx dubju li l-mankament li sofra l-attur hu gravi, l-iktar meta wieħed iqis li tilef l-użu ta' għajnejh il-leminija. Debilità li għandha effett ukoll fuq l-attività li jagħmel fil-ħajja ta' kuljum. … … …

«… … …

«Jirriżulta li fis-sena 2005 (l-inċident sehh fl-2006) l-attur kellu dħul ta' €10,519. Fid-data tal-inċident kellu 41 sena. Il-qorti ser tagħmel il-kalkoli fuq dħul ta' €12,000 (tikkunsidra żjieda fil-pagi), għal perjodu ta' tmintax-il (18) sena wara li qieset ukoll l-istat ta' saħħa tal-attur kif deskritta fir-rapport mediku mħejji minn Mr Norbert Vella. Ser tnaqqas 20% fir-rigward tal-*lump sum payment*, meħud in konsiderazzjoni li l-inċident sehh fis-27 ta' Awwissu 2006 u relattivament il-kawża qiegħda tiġi deċiża f'perjodu qasir. Għal dik li hi rata ta' diżabiltà, meqjusa l-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq u wara li l-qorti qieset dak li jingħad fir-rapporti mediċi u r-risposti mogħtija mill-psikjatra Dr David Cassar għad-domandi li sarulu in eskussjoni: li r-rata ta' debilità stabbilita qiegħda tikkunsidra biss l-aspett mediku; li jidher li kien hemm miljorament fl-istat psikiku tal-attur tant li reġa' beda jmur għax-xogħol; l-età tal-attur; u li qabel l-inċident kellu diġà problemi ta' saħħa, temmen li fiċ-ċirkostanzi rata' ta' diżabiltà ta' 23% hi flokha minkejja li l-periti ġudizzjarji ffissaw *weighted average* ta' 28%.

«Għaldaqstant id-danni huma: €12,000 × 18-il sena × 23% - 20% = €39,744.

«L-attur qiegħed jippretendi wkoll is-somma ta' €23,015.60 paga li jgħid li tilef mid-data tal-inċident (Awwissu 2006) sa meta beda reġa' jaħdem. Fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2008 iddikjara li b'seħħ mill-1 ta'

Settembru 2008 kien regġa' beda jaħdem bħala *foreman*, u qabel kien ilu tliet xhur jaħdem bhala uffiċċjal tas-sigurtà ma' *Security Services*. Minn dokument PM1 (*fol*. 32) jidher li sa April 2007 l-attur kien għadu reġistrat bħala impjegat ma' *Asfaltar Ltd* għalkemm jidher ukoll li b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2007 l-qligħ tiegħu ġie ridott għaliex baqa' ma jirrappurtax għax-xogħol. Fir-rigward tad-Dipartiment għas-Servizzi Soċjali, bejn il-perjodu tal-31 ta' Awwissu 2006 u 5 ta' Jannar 2007 irċieva s-somma ta' €1,567.32 (*fol*. 21). L-attur ma ressaqx prova li mill-bidu tas-sena 2007 sa meta rega' dahal għax-xogħol, ma kienx kapaċi jaħdem. Għall-qorti m'huwiex biżżejjed li tgħid li kont qiegħed tbati minn depressjoni. Fir-rikors ġuramentat, l-attur ippremetta li "mhuwiex kapaċi li jmur lura għax-xogħol normali tiegħu għaliex lanqas id-dawl tax-xemx ma jiflaħ" (*fol*. 2). Fil-fehma tal-qorti ma tressqux provi in sostenn ta' dan u f'kull każ lanqas jirriżulta li, jekk hu veru, l-attur ipprova jieħu miżuri sabiex jirrimedja għal dan l-ilment. Dan iktar u iktar meta l-prinċipju kardinali hu li l-vittma għandu obbligu li jimminimizza d-danni. *Inoltre* fil-kalkoli tad-danni li diġà għamlet il-qorti, ġie inkluż il-perjodu li fih il-konvenut ma kienx qiegħed jaħdem. Fin-nuqqas ta' provi sodisfaċenti l-qorti tqis li f'dan il-kuntest it-talba tal-attur hi għal kollox barra minn lokha.

«Fir-rigward ta' *damnum emergens*, saret riferenza għal Dok. MX1 (*fol*. 39) li hu rendikont tal-ispejjeż li l-attur isostni li għamel. Is-somma hi ta' €2,473.65. L-attur ippreżenta biss xi riċevuti tal-ispejjeż li qiegħed jippretendi l-ħlas tagħhom (*fol*. 40). Wara li l-qorti rat dawn id-dokumenti, tqis li l-attur m'għandux jingħata iktar minn elf euro (€1,000). Il-qorti m'hijiex konvinta minn ċertu ammonti li qiegħed jippretendi l-attur, eżempju bħal *baby sitting*, ikel u ħasil ta' ħwejjeġ. F'kull każ lanqas ressaq bħala xhud lill-persuna (semma lil oħtu) li suppost lilha sar il-ħlas. Dan apparti li hemm ukoll ċertu spejjeż li saru fi ħwienet li ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni fiex kienu jikkonsistu.»

7. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tat-28 t'Awissu 2009 u talab illi din il-qorti:

«1. tħassarha u tirrevokaha in kwantu laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Carmelo Rapa u caħdet it-talbiet tal-attur in kwantu dawn jirreferu għal dan il-konvenut bl-

ispejjeż ta’ dan il-konvenut a karigu tal-attur u, minflok, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut appellat Carmelo Rapa, tiddikjara lill-istess konvenut appellat Carmelo Rapa responsabbli, flimkien u *in solidum* mal-konvenut appellat l-ieħor Joseph Rapa, għall-ħsara li sofra l-attur fl-inċident li seħħ fis-27 ta' Awwissu, 2006 ġewwa Għajnsielem, Għawdex u konsegwentament tikkundannah iħallas, flimkien u *in solidum* mal-konvenut appellat l-ieħor Joseph Rapa, id-danni u l-ispejjeż ġudizzjarji;

«2. tħassarha u tirrevokaha in kwantu llikwidat id-danni kif jingħad fl-istess sentenza u minflok tillikwida danni f’ammont verjuri … u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti appellati, flimkien u *in solidum* bejniethom, iħallsu dawn id-danni likwidati minn dina l-qorti; u

«3. tħassarha u tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-esponenti jħallas l-ispejjeż ġudizzjarji tal-konvenut appellat Carmelo Rapa u tal-espert mediku Norbert Vella u, minflok, tikkundanna lill-konvenuti appellati, flimkien u *in solidum* bejniethom, iħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji kollha.»

8. Il-konvenut Carmel Rapa wieġeb fit-28 ta’ Settembru 2009 u fisser għala, fil-fehma tiegħu, l-appell għandu jiġi miċħud. Il-konvenut l-ieħor, Joseph Rapa, ma weġibx.

9. L-aggravji tal-attur jolqtu (i) iċ-ċaħda tat-talbiet tiegħu safejn magħmula kontra l-konvenut Carmel Rapa, (ii) il-*quantum* tad-danni u (iii) il-kundanna tal-attur li jħallas parti mill-ispejjeż.

10. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-attur iressaq żewġ argumenti. L-ewwel argument huwa illi ż-żewġ konvenuti mxew dolożament meta sawwtu lill-attur u għalhekk għandhom iwieġbu *in solidum* għad-danni li ġarrab, kif igħid u jrid l-art. 1049(1) tal-Kodiċi Ċivili. L-ewwel qorti għalhekk ma kellhiex tikkundanna lil wieħed minnhom biss biex jagħmel tajjeb għad-danni, iżda kellha tikkundannahom it-tnejn flimmkien *in solidum*.

11. It-tieni argument – li tressaq bla preġudizzju għall-ewwel wieħed – jolqot il-konklużjoni tal-ewwel qorti illi ma hemmx rabta ta’ kawżalità bejn id-daqqa ta’ siġġu illi l-konvenut Carmelo Rapa ta lill-attur u l-ħsara li dan ġarrab fil-persuna tiegħu.

12. Fil-fehma ta’ din il-qorti, l-attur għandu raġun fl-ewwel argument li huwa ressaq. Dan joħroġ mill-art. 1049 tal-Kodiċi Ċivili:

«**1049.** (1) Meta żewġ persuni jew iżjed ikunu dolożament għamlu ħsara, l-obbligazzjoni tagħhom għall-ħlas ta’ dik il-ħsara hija *in solidum*.

(2) Meta xi wħud minn dawn ikunu mxew dolożament, u oħrajn le, dawk tal-ewwel huma kollha obbligati *in solidum*, u kull wieħed mill-oħrajn huwa obbligat biss għal dik il-biċċa tal-ħsara li huwa nnifsu jkun ikkaġuna.»

13. Il-konvenut Carmelo Rapa fit-tweġiba tiegħu jgħid illi s-solidarjetà toħroġ mhux mill-kompliċità fl-“inċident” iżda minn kompliċità fl-att li jagħmel il-“ħsara”, u minn hekk jislet argument illi ladarba hu ma kellux sehem fid-daqqa ta’ *brick* li għamiet lill-attur, mela ma jweġibx għall-ħsara li għamlet dik id-daqqa.

14. Dan l-argument tal-attur huwa ħażin. L-art. 1049(2) jgħid ċar illi huwa biss min ma jkunx mexa dolożament illi jwieġeb “biss għal dik il-biċċa tal-ħsara li huwa nnifsu jkun ikkaġuna”, u li għalhekk għar-responsabilità tiegħu tkun meħtieġa l-prova tal-kawżalità, *i.e.* illi l-ħsara jkun ikkaġunaha hu. Min iżda jkun mexa dolożament iwieġeb ukoll għall-ħsara ikkaġunata minn min ikun mexa bl-istess ħsieb doluż tiegħu. Ma hemmx dubju illi ż-żewġ konvenuti mxew dolożament.

15. L-art. 1049 huwa msejjes fuq l-art. 1302 tal-Kodiċi Ċivili tal-Awstrija[1] (*Allgemeines Bürgerliches Gezetzbuch*)[2]:

«**§ 1302** In such a case, if the damage was caused negligently and the contributions to it can be determined, each participant is liable only for the part of the damage caused through his negligence. If, however, the damage was caused intentionally, or if the contributions of each to the damage cannot be ascertained, all are liable for one, and one for all; the person having compensated the

---

[1] Ara Adriano Dingli, *Fonti e Commenti* fuq l-art. 755 tal-Ordinanza VII tal-1868.

[2] **§ 1302.** In einem solchen Falle verantwortet, wenn die Beschädigung in einem Versehen gegründet ist, und die Antheile sich bestimmen lassen, jeder nur den durch sein Versehen verursachten Schaden. Wenn aber der Schade vorsätzlich zugefügt worden ist; oder, wenn die Antheile der Einzelnen an der Beschädigung sich nicht bestimmen lassen, so haften Alle für Einen, und Einer für Alle; doch bleibt demjenigen, welcher den Schaden ersetzt hat, der Rückersatz gegen die Uebrigen vorbehalten.

damage will, however, have a right of recourse against the others.[3]»

16. Taħt din id-dispożizzjoni tal-liġi ġie ritenut mill-Qorti Suprema tal-Awstrija f'każ illi jixbah lil dak tallum illi "*all three wrongdoers were solidarily liable for damage inflicted on the claimant, who, when he attempted to obtain assistance for his companion mishandled by two of the wrongdoers, was set upon and injured by the third* "[4].

17. L-aggravju dwar ir-responsabilità *in solidum* tal-konvenut Carmelo Rapa għalhekk jixraq illi jintlaqa'.

18. It-tieni aggravju jolqot il-*quantum* tad-danni. L-ewwel ilment tal-attur taħt dan l-aggravju jolqot il-fatt illi l-ewwel qorti ma qagħditx fuq il-prospett minnu esebit bħala dok. MX1 fit-18 ta' April 2007[5] li juri s-somma ta' elf u wieħed u sittin lira u erbgħa u disgħin ċenteżmu (Lm 1061.94) – daqs elfejn, erba' mija u tlieta u sebgħin euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€ 2,473.65) – bħala *damnum emergens* u, minflok, illikwidat is-somma ta' elf euro (€ 1,000) biss. L-attur josserva illi l-prospett kien maħluf, ma kienx kontestat u l-ispejjeż murija fih huma raġonevoli.

19. Ma jirriżultax mill-atti illi l-prospett kien maħluf, u mhux l-ispejjeż kollha huma ġustifikati b'riċevuti: b'kollox hemm riċevuti għal mitejn u tnejn u disgħin lira u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm 292.61) – daqs sitt mija u wieħed u tmenin euro u sittin ċenteżmu (€ 681.60). Għalkemm huwa minnu illi, meta tqis il-gravità tal-ġrieħi li ġarrab l-attur, l-ispejjeż li jgħid li għamel ma humiex irraġonevoli, jibqa' l-fatt illi kellu l-oneru illi jżomm ir-riċevuti għall-ispejjeż li qiegħed jistenna li jiġbor mingħand ħaddieħor.

20. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, għalkemm il-likwidazzjoni setgħet forsi kienet xi ftit ogħla, din il-qorti ma hijiex tal-fehma illi għandha tiddisturba l-eżerċizzju li għamlet l-ewwel qorti.

21. Ilment ieħor, ukoll taħt il-kap ta' *damnum emergens*, huwa illi l-ewwel qorti ma illikwidatx kumpens għall-fatt illi l-attur sejjer ikollu jieħu kura psikjatrika fit-tul, fid-dawl ta'

---

3 Verżjoni ingliża ta' Barbara C. Steininger, *European Tort Law Basic Texts*, Ken Oliphant & Barbara C Steininger, eds, 2011.

4 *Zeitschrift für Verkehrsrecht*, 1998/6, rapportata fi *Draft Common Frame of Reference*, Vol. 4, VI - 4:102, p. 3598, n. 7, Sellier 2009.

5 *Fol*. 39 tal-proċess tal-ewwel qorti.

dak li qal l-espert psikjatra illi "l-kundizzjoni psikjatrika tiegħu tibqa' kronika u bi bżonn ta' kura fit-tul"[6].

22. Dan huwa minnu. Huwa minnu wkoll iżda illi ma hemm ebda element ta' prova li tista' torbot miegħu biex tillikwida dawn id-danni li, wara kollox, ma hemm ebda aċċenn għalihom fin-nota finali ta' sottomissjonijiet tal-attur quddiem l-ewwel qorti. Fin-nuqqas ta' prova ta' x'tip ta' kura tkun meħtieġa, kemm spiss u kemm tkun tiswa, kull likwidazzjoni tkun għalkollox arbitrarja, u, fiċ-ċirkostanzi, din il-qorti ma tarax li għandha tibdel id-deċiżjoni tal-ewwel qorti dwar dan il-kap ta' danni.

23. Ilment ieħor huwa illi l-ewwel qorti ma ordnatx kumpens għal telf ta' qligħ għaż-żmien bejn il-31 ta' Awissu 2006 u l-1 ta' Settembru 2008 meta l-attur ma kienx f'qagħda li jmur għax-xogħol. Għalkemm dan l-ilment sar taħt il-kap ta' *damnum emergens* huwa fil-fatt dwar *lucrum cessans*, appuntu telf ta' qligħ. L-attur igħid illi tilef qligħ ta' tlieta u għoxrin elf u ħmistax-il euro u sittin ċenteżmu (€23,015.60). L-ewwel qorti tat tliet raġunijiet għala ma laqgħetx din it-talba: i. għax l-attur ma ressaqx prova li ma kienx f'qagħda li jaħdem, ii. għax il-vittma għandu l-obbligu li "jimminimizza d-danni" u iii. għax iż-żmien meta l-attur ma kienx jaħdem kien ġà meqjus fil-kalkolu tal-*lucrum cessans*.

24. Din il-qorti hija tal-fehma illi dan l-ilment tal-attur ma huwiex mingħajr meritu. L-attur ġarrab grieħi serji li wasslu għat-telf tad-dawl minn għajn waħda u dan il-fatt ma setax ma kellux impatt mhux biss fiżiku iżda wkoll psikiku u fuq il-ħeġġa għax-xogħol. L-ewwel qorti qalet illi għaliha "m'huwiex biżżejjed li tgħid li kont qiegħed tbati minn depressjoni" biex ma tmurx għax-xogħol. Il-mard psikiku, iżda, ma huwiex anqas reali minn dak fiżiku. L-espert psikjatra maħtur mill-ewwel qorti ikkonferma illi l-attur "ibati minn stat ta' ansjetà u dipressjoni kronika" u illi "din il-kondizzjoni hi ta' livell fejn qiegħda tikkawża morbidità (*recte*, morbożità) konsiderevoli"[7].

25. Huwa minnu illi, kif qalet l-ewwel qorti, l-attur kellu d-dmir li jnaqqas kemm jista' d-danni, iżda dan ma huwiex każ fejn l-attur kapriċċożament naqas minn dan id-dmir.

---

[6] *Fol.* 227 tal-proċess tal-ewwel qorti.

[7] *Fol.* 201 tal-proċess tal-ewwel qorti.

Ma huwiex mistenni minnu li jagħmel aktar milli jiflaħ u, fiċ-ċirkostanzi, l-attur kien oġġettivament ġustifikat fl-imġieba tiegħu.

26. Lanqas ma hija għalkollox tajba t-tielet raġuni li semmiet l-ewwel qorti, *viz.* illi dan it-telf ta' qligħ ġà tqies fil-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans*. F'dak il-kalkolu l-ewwel qorti tat biss tlieta u għoxrin fil-mija (23%) tat-telf u kompliet naqqsitu b'għoxrin fil-mija (20%) oħra. Effettivament, mela, tat biss tmenin fil-mija (80%) ta' tlieta u għoxrin fil-mija (23%), jew tmintax punt deċimali erbgħa fil-mija (18.4%).

27. Min-naħa l-oħra ma huwiex minnu illi l-attur ma daħħal xejn bejn il-31 ta' Awissu 2006 u l-1 ta' Settembru 2008. Kif jidher minn dok. PM1[8], għat-tmien xhur bejn Mejju u Diċembru tal-2006 daħħal elfejn, disa' mija u sitta u ħamsin lira (Lm 2,956), u għalhekk għall-erba' xhur minn Settembru sa Diċembru, meta ma kienx jaħdem, daħħal elf, erba' mija u tmienja u sebgħin lira (Lm 1,478). Fl-2007, meta wkoll ma kienx jaħdem, daħħal sitt mija u sebgħa u tmenin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm 687.50). Għalhekk b'kollox daħħal elfejn, mija u ħamsa u sittin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm 2,165.50), jew ħamest elef u erbgħa u erbgħin euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€ 5,044.26).

28. Dan il-qligħ irid jitnaqqas mis-somma ta' tlieta u għoxrin elf u ħmistax-il euro u sittin ċenteżmu (€23,015.60) pretiża mill-attur, u jifdal bilanċ ta' sbatax-il elf, disa' mija u wieħed u sebgħin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 17,971.34). Rajna illi l-ewwel qorti ġà illikwidat tmintax punt deċimali erbgħa fil-mija (18.4%) minn dan it-telf u għalhekk jifdal wieħed u tmenin punt deċimali sitta fil-mija (81.6%), jew erbatax-il elf, sitt mija u erbgħa u sittin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€ 14,664.61).

29. Il-likwidazzjoni tad-danni għalhekk għandha tiżdied b'dan l-ammont, għalkemm taħt titolu ta' *lucrum cessans* mhux *damnum emergens*, kif jippretendi l-attur.

30. L-ilmenti li ressaq l-attur dwar *lucrum cessans* huma erbgħa: i. dwar il-kalkolu tal-qligħ medju fis-sena fil-ġejjieni; ii. dwar il-*multiplier*; iii. dwar il-grad ta' debilità

[8] *Fol.* 32 tal-proċess tal-ewwel qorti.

permanenti; u iv. dwar it-tnaqqis ta' għoxrin fil-mija (20%) mis-somma likwidata.

31. Dwar il-qligħ medju l-attur josserva li l-ewwel qorti ħadmet fuq il-qligħ li l-attur kellu fl-aħħar sena sħiħa li ħadem – għaxart elef, ħames mija u dsatax-il euro (€ 10,519) fl-2005 – li għollietha għal tnax-il elf euro (€ 12,000) biex tagħmel tajjeb għaż-żjidiet li jingħataw fil-ġejjieni. L-attur imbagħad jirreferi għall-istqarrija li għamel hu fid-29 ta' Ottubru 2008[9] meta qal illi dak iż-żmien kellu dħul ta' ħamsa u disgħin lira (Lm95) fil-ġimgħa, li jiġu ħdax-il elf, ħames mija u seba' euro (€ 11,507) fis-sena, li jfisser illi ngħata ftit anqas minn ħames mitt euro (€ 500) fis-sena biex tagħmel tajjeb għaż-żjidiet fil-ġejjieni.

32. Fil-fehma ta' din il-qorti, l-istqarrija tal-attur dwar id-dħul tiegħu ma hijiex l-aħjar prova. L-aħjar prova hija dik li saret b'dokumenti awtentiċi: l-aktar FS3 reċenti tat-taxxa duq id-dħul huwa dak tal-2006 li juri dħul ta' disgħa u tmenin lira (Lm 89) fil-ġimgħa, li jiġu erbat elef, sitt mija u tmienja u għoxrin lira (Lm 4,628) jew għaxart elef, seba' mija u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 10,780.34) fis-sena, li, ukoll jekk iżżid il-*bonus* statutorju, ma jġibux daqskemm qiegħed jippretendi l-attur.

33. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, lil din il-qorti ma jidhrilhiex illi għandha tiddisturba din id-deċiżjoni tal-ewwel qorti.

34. Dwar il-*multiplier* l-attur josserva illi kellu wieħed u erbgħin (41) sena meta seħħ l-inċident. L-età tal-irtirar illum hija ta' ħamsa u sittin (65) sena, u għalhekk *multiplier* ta' wiehed u ghoxrin (21) sena ikun wiehed xieraq.

35. Wasal il-waqt illi, ukoll fl-interess ta' aktar oġġettività u prevedibilità, dan il-prinċipju jiġi skartat.

36. L-attur jilmenta wkoll mill-fatt illi l-ewwel qorti ma qagħditx fuq l-esperti mediċi illi qalu illi l-grad ta' debilità li jbati minnu l-attur huwa ta' tmienja u għoxrin fil-mija (28%) u, minflok, sabet illi d-debilità hija biss ta' tlieta u għoxrin fil-mija (23%).

37. Huwa minnu illi l-opinjoni ta' esperti fil-qasam ma għandhiex tiġi faċilment skartata mill-qorti, iżda huwa minnu wkoll illi l-qorti ma hijiex marbuta b'dik l-opinjoni u

9 *Fol.* 220 tal-proċess tal-ewwel qorti,

tista' wkoll twarrabha għal raġunijiet tajba. L-ewwel qorti fil-fatt fissret ir-raġunijiet għala ma qagħditx għalkollox fuq dak li qalu l-esperti: qalet illi, wara li qieset il-fatturi "li jidher li kien hemm miljorament fl-istat psikiku tal-attur tant li reġa' beda jmur għax-xogħol; l-età tal-attur; u li qabel l-inċident kellu diġà problemi ta' saħħa, temmen li fiċ-ċirkostanzi rata' ta' diżabiltà ta' 23% hi flokha minkejja li l-periti gudizzjarji ffissaw *weighted average* ta' 28%".

38. Għalkemm ma kien ikun hemm xejn ħażin li kieku l-ewwel qorti qagħdet għalkollox fuq l-esperti mediċi, madankollu l-eżerċizzju li għamlet kien wieħed leċitu u fil-parametri leġittimi tad-diskrezzjoni tagħha. Fiċ-ċirkostanzi, lil din il-qorti ma jidhrilhiex illi għandha tiddisturba l-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti.

39. L-aħħar ilment dwar il-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* jolqot it-tnaqqis ta' għoxrin fil-mija (20%) minħabba l-ħlas bil-quddiem tad-dħul tal-ġejjieni. L-ewwel qorti għamlet dan it-tnaqqis għax l-inċident seħħ fl-2006 u s-sentenza ngħatat fi żmien relativament qasir ta' tliet (3) snin. Illum għaddew tliet snin oħra u għalhekk it-tnaqqis sħiħ ta' għoxrin fil-mija (20%) ma għadux ġustifikat. Meta tqis illi għaddew sitt (6) snin mill-wieħed u għoxrin (21) sena tal-*multiplier*, huwa xieraq illi t-tnaqqis jinżel għal ħmistax fil-mija (15%), b'dan illi l-imgħaxijiet jibdew igħaddu millum.

40. Il-*lucrum cessans* mela għandu jinħadem hekk:

€12,000 × 21 sena × 23% × 85% = €49,266.

41. Il-qorti għalhekk tillikwida l-*lucrum cessans* għall-ġejjieni fis-somma ta' disgħa u erbgħin elf u mitejn u sitta u sittin euro (€49,266). Ma' din għandha tiżdied is-somma ta' erbatax-il elf, sitt mija u erbgħa u sittin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€14,664.61) telf ta' qligħ għaż-żmien meta l-attur ma kellu dħul ta' xejn għax ma kienx jaħdem, u elf euro (€1,000) *damnum emergens*, b'kollox erbgħa u sittin elf, disa' mija u tletin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€64,930.61).

42. L-aħħar aggravju jolqot l-ispejjeż. L-ewwel qorti ikkundannat lill-attur iħallas l-ispejjeż tal-konvenut Carmelo Rapa u l-ispejjeż tal-espert mediku Norbert Vella, u l-attur qiegħed jappella minn din id-deċiżjoni.

43. Dan l-aggravju huwa ġustifikat. Ladarba l-appell tal-attur dwar ir-responsabilità tal-konvenut Carmelo Rapa

sejjer jintlaqa', u l-ħtieġa tal-espert mediku nqalgħet minħabba l-ġrieħi li ġarrab l-attur bi ħtija tal-konvenuti, ma hemm ebda raġuni għala l-ispejjeż relativi għandu jbatihom l-attur.

44. Għal dawn ir-raġunijiet din il-qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

i. tħassarha fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Carmelo Rapa u ċaħdet it-talbiet tal-attur safejn magħmula kontra dan il-konvenut, bl-ispejjeż, u, minflok, tiċħad l-eċċezzjoni, u tgħid illi l-konvenut Carmelo Rapa għandu jwieġeb *in solidum* mal-konvenut l-ieħor Joseph Rapa għad-danni li garrab l-attur u l-ispejjeż;

ii. tikkonfermaha fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Rapa u qalet illi għandu jwieġeb għad-danni li ġarrab l-attur, b'dan iżda illi din ir-responsabilità hija *in solidum* mal-konvenut Carmelo Rapa;

iii. tħassarha fejn illikwidat id-danni fis-somma ta' erbgħin elf seba' mija u erbgħa u erbgħin euro (€40,744) u, minflok, tillikwida d-danni fis-somma ta' erbgħa u sittin elf, disa' mija u tletin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€64,930.61);

iv. tirriformaha fejn ikkundannat lill-konvenut Joseph Rapa jħallas is-somma ta' erbgħin elf seba' mija u erbgħa u erbgħin euro (€40,744) u, minflok, tikkundanna lill-konvenuti Joseph Rapa u Carmelo Rapa flimkien *in solidum* iħallsu lill-attur is-somma ta' erbgħa u sittin elf, disa' mija u tletin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€64,930.61), flimkien mal-imgħaxijiet relativi millum; u

v. tirriformaha fil-kap tal-ispejjeż billi tħassarha fejn ikkundannat lill-attur iħallas l-ispejjeż tal-konvenut Carmelo Rapa u tal-espert mediku Norbert Vella u, minflok, tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu l-ispejjeż kollha. L-ispejjeż tal-appell għandhom ukoll iħallsuhom il-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------